# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 10 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 31.
Citazz. Nru. 1426/99 JRM

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**THERMOREL MALTA LIMITED, bhala debitur principali, u Richard MICALLEF u Christopher u Paulanne konjugi MICALLEF, bhala garanti solidali**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-18 ta' Gunju, 1999, li bih il-Bank attur ppremetta:

Illi l-Bank attur permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler li jgibu d-dati tat-tlettax (13) ta' Lulju, elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija sitta u disghin (1996) li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B" ikkonceda lis-socjeta' konvenuta Thermorel Malta Limited facilitajiet ta' "overdraft" u in forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija socjeta' sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' wiehed u ghoxrin elf, tlieta u ghoxrin liri maltin u disa' centezmi (Lm21023.09) skond "ledger detail sheet" hawn annessa u mmarkata Dok "C" bl-interessi kkalkolati sas-sebgha (7) t'April, elf disa' mija disgha u disghin (1999) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tmienja (8) ta' April, elf disa' mija disgha u disghin (1999) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq il-proprjeta taghha kollha presenti u futuri skond kif ahjar deskritt fl-imsemmija kuntratti;

Illi permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi ppubblikat min-Nutrar Peter Fleri Soler li jgib id-data tal-25 ta' Jannar 1996 hawn anness u mmarkat Dok "B" il-konvenuti Richard Micallef u Christopher u Paulanne konjujgi Micallef iggarantixxew solidalment bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Thermorel Malta Limited il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu billi kkostitwixxew ipoteka generali fuq il-proprjeta' kollha taghhom prezenti u futuri u ipoteka specjali fuq il-proprjeta' fil-Buskett fil-limiti tar-Rabat u f'tas-Sliema skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi permezz ta' skrittura privata li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "D" Richard Micallef u Christopher u Paulanne konjugi Micallef iggarantixxew solidalment mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' dan id-debitu sa' l-ammont ta' ghoxrin elf liri maltin (Lm20,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' ghoxrin elf liri maltin (Lm20,000);

2. Tigi s-socjeta' konvenuta Thermorel Malta Limited ikkundannata sabiex thallas lill-Bank attur il-bilanc ta' elf, tlieta u ghoxrin liri maltin u disa' centezmi (Lm1,023.09);

U dan oltre l-imghaxijiet ulterjrui mit-tmienja (8) ta' April, 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-23 ta' Setembru, 1998, u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' April, 1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-konvenuti Christopher u Paulanne Micallef imressqa fl-10 ta' Novembru, 1999, li biha eccepew:

Illi fl-ewwel lok il-konvenuti jeccepixxu l-intempestivita' ta' din l-azzjoni stante li s-socjeta' attrici hija konsapevoli li fil-present ghaddejjin trattativi sabiex jinbieghu l-ishma fis-socjeta' konvenuta u jigi assunt dan id-dejn minn terzi b'garanziji alternattivi;

Illi in linea preliminari ukoll, l-eccipjenti jitlob prova dwar ir-rappresentanza ta' Alexander Cutajar ghan-nom tas-socjeta' attrici;

Illi fit-tielet lok, l-interessi kalkolati huma eccessivi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal- imsemmija konvenuti mizzewgin Micallef;

Rat in-Nota tal- imharrkin Thermorel Malta Ltd u Richard Micallef imressqa fit-18 ta' Frar, 2000, li biha eccepew:

Illi fl-ewwel lok il-konvenuti jeccepixxu l-intempestivita' ta' din l-azzjoni stante li s-socjeta' attrici hija konsapevoli li fil-present ghaddejjin trattativi sabiex jinbieghu l-ishma fis-socjeta' konvenuta u jigi assunt id-dejn minn terzi b'garanziji alternattivi;

Illi in linea preliminari ukoll, l-eccipjenti jitlob prova dwar ir-rappresentanza ta' Alexander Cutajar;

Illi fit-tielet lok, l-interessi kalkolati huma eccessivi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrkin Thermorel Malta Ltd u Richard Micallef;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti mressqin fis-17 t'Ottubnru, 2000 (pagna 37 tal-process), u fl-10 ta' Jannar, 2001 (pagni 44 sa 46 tal-process);

Semghet ix-xiehda tal-Bank attur;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-Bank attur;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghas-sentenza, wara li l-imharrkin naqsu li jidhru biex iressqu l-provi taghhom jew jaghmlu s-sottomissjonijiet mehtiega in sostenn ghat-talbiet attrici;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-Bank attur qieghed iressaq it-talbiet tieghu kontra l-imharrkin biex jithallas lura s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000), flimkien mal-imghaxijiet migmugha fuq dik is-somma, moghtija f'ghamla ta' facilita' ta' overdraft lill-kumpannija mharrka bis-sahha ta' zewg kuntratti li saru fit-13 ta' Lulju, 1995 [Dok "A", f'pagni 5 sa 7 tal-process] u fil-25 ta' Jannar, 1996 [Dok "B", f'pagni 8 sa 12] ;

Illi l-imharrkin Richard Micallef u Christopher u Paulanne mizzewgin Micallef dahlu garanti solidali mal-kumpannija mharrka, ghall-facilita' lilha moghtija, permezz ta' kitba maghmula fit-22 ta' Novembru, 1995 [Dok "D" f'pagni 14 sa 17], konfermata fl-imsemmi kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1996;

Illi f'Settembru, 1998, il-Bank attur talab permezz ta' ittra ufficjali lill-imharrkin biex ihallsu l-bilanc li kien dak iz-zmien dovut skond it-termini tal-facilita' bankarja moghtija lill-kumpannija, u peress li l-hlas baqa' ma sarx, infethet il-kawza, u, ghall-Bank attur, kien halef id-dikjarazzjoni Alexander Cutajar;

## Ikkunsidrat:

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-facilita' bankarja nghatat lill-kumpannija mharrka;

Illi lanqas m'hemm kontestazzjoni li, sal-waqt li nfethet il-kawza, kien hemm dejn fis-sehh kontra l-kumpannija mharrka;

Illi l-kontestazzjonijiet li qeghdin iressqu l-imharrkin huma tlieta, jigifieri (a) li l-azzjoni hija intempestiva; (b) li ma ntweriex li min halef id-Dikjarazzjoni f'isem il-Bank attur kien qieghed jidher kif

imiss ghall-istess Bank; u (c) li l-imghaxijiet kif kalkolati huma eccessivi;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, irid jinghad li r-raguni moghtija mill-imharrkin tirreferi ghall-trattativi li kienu qeghdin isiru biex "id-dejn jigi assunt minn terzi". Waqt is-smiegh tal-provi, irrisulta li dawn it-trattativi bdew isiru wara li l-kawza nbdiet, u, mill-kliem tal-istess eccezzjoni, jidher li d-dejn kien mistqarr. Dan huwa s-sens li wiehed jislet ukoll mill-ittra mibghuta mill-imharrek Richard Micallef lill-Bank attur fit-2 t'Ottubru, 1998, [pagna 46 tal-process] bi twegiba ghall-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 1998, u li fiha kulma jitlob lill-Bank huwa ftit jiem biex iressaqlu programm ta' hlas;

Illi, fl-imsemmija ittra, l-imharrek la jichad li d-dejn huwa dovut, la jallega li qeghdin isiru trattativi li d-dejn jigi assenjat, u lanqas iressaq xi ghamla ohra ta' kontestazzjoni ghat-talba tal-Bank attur, inqas u inqas li t-talba ghall-hlas m'hijiex f'waqtha;

Illi gie muri li, qabel fetah il-kawza, il-Bank attur talab il- hlas b'att gudizzjarju u, ghalkemm huwa minnu li jidher li l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lil Richard Micallef u lis-Socjeta' mharrrka, imma biss lill-intimati l-ohrajn Christopher u Paulanne mizzewgin Micallef, ta' l-ewwel baghat ittra bi twegiba ghaliha, u tat-tieni ma wettqux dak li kien mitlub minnhom mill-Bank;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, il-Bank ressaq dokument awtentikat kif imiss li juri li, b'risoluzzjoni maghmula waqt laqgha tal-Bord tad-Diretturi tieghu fl-14 t'Awissu, 1998, Alexander Cutajar kien wiehed mill-persuni moghti s-setghat li jirrappresentah fi proceduri gudizzjarji u li jittransigi kawzi tal-Bank u f'ismu;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, l-imharrkin jixlu lill-Bank attur li qieghed jitlob imghaxijiet eccessivi;

Illi, minkejja li l-imharrkin kellhom zmien bizzejjed biex ifissru kif u ghaliex l-imghaxijiet mitluba huma eccessivi, naqsu li jippruvaw dak li qeghdin jallegaw;

Illi, minbarra dan, jekk wiehed jara l-ittra li baghat l-imharrek Richard Micallef lill-Bank, dan wera li qabel li l-ammont kien dovut u ma ressaq l-ebda xilja li l-imghax (li ntalab ukoll fl- ittra ufficjali) kien oghla minn dak miftiehem jew minn dak li seta' jintalab;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-imharrkin bhala mhux imsejsin jew mhux pruvati;

**Tilqa' l-ewwel talba tal-Bank attur** u tikkundanna lill-imharrkin li jhallsu lill-Bank, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma ta' ghoxrin elf lira maltija (Lm20,000); u

**Tilqa' t-tieni talba tal-Bank attur** u tikkundanna lill-kumpannija Thermorel Malta Limited thallsu s-somma bilancjali ta' elf u tlieta u ghoxrin lira u disa' centesmi (Lm1,023.09);

L-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri mit-8 t'April, 1999, sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mill-imharrkin.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**10 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Mejju, 2001.**